C/2024/1980

18.3.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar "Il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs u BEFIT"

(C/2024/1980)

Relatur:	Kate FEENEY (IE/RENEW E.), Kunsillier, Kunsill tal-Kontea ta' Dun Laoighaire-Rath-down
Dokumenti ta' referenza:	Komunikazzjoni dwar il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs COM(2023) 535 final Proposta għal Regolament dwar il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali COM(2023) 533 final Proposal for a Directive establishing a Head Office Tax system for micro, small and medium sized enterprises, and amending Directive 2011/16/EU COM(2023) 528 final (Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi Sistema Ċentrali tat-Taxxa għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE (mhux disponibbli bil-Malti)). COM(2023) 528 final Proposal for a Directive on Business in Europe: Framework for Income Taxation (BEFIT) (Proposta għal Direttiva dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT), COM(2023) 532 final (mhux disponibbli bil-Malti)). Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment COM(2023) 529 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

Kummenti ġenerali

1. jinsab imħasseb dwar l-iskala tal-isfidi ġeopolitiċi u tal-kompetittività li qed jiffaċċjaw in-negozji Ewropej u l-impatt tagħhom fuq ir-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa; jaqbel li l-SMEs, li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji fl-UE u li jipprovdu żewġ terzi tal-impjiegi fl-UE, jiffaċċjaw inċertezzi bla preċedent relatati mal-volatilità fil-kuntest ekonomiku globali attwali, bir-restrizzjonijiet tal-katina tal-provvista, in-nuqqas ta' ħaddiema – b'mod partikolari l-ħiliet – il-prattiki ta' kompetizzjoni inġusta u l-pressjoni regolatorja dejjem akbar tiegħu li jagħmlu n-negozju għall-SMEs aktar diffiċli;

2. jinnota wkoll li ħafna sfidi li jiffaċċjaw l-SMEs huma stabbiliti sew u jmorru lura għall-kriżijiet ġeopolitiċi attwali u dawk ta' wara l-COVID. Għaldaqstant, jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tpoġġi lill-SMEs fiċ-ċentru tal-attenzjoni tagħha, iżda jinnota li dan l-appoġġ għandu jkun kontinwu u proattiv aktar milli reattiv;

3. jaqbel li l-indirizzar ta' dawn l-isfidi jrid ikun parti mill-Istrateġija Industrijali tal-UE, li tibni fuq il-momentum tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli III, id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija u l-Att dwar iċ-Ċipep lejn il-ħolqien ta' awtonomija strateġika miftuħa għall-Unjoni Ewropea;

4. ifakkar li l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Komunikazzjoni dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika; jinnota li qafas wiesa' tal-politika industrijali tal-UE għandu jkun inkorporat fil-programmi nazzjonali ta' riforma tal-Istati Membri u fil-programmi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tar-reġjuni;

5. jilqa' f'dan il-kuntest il-Komunikazzjoni dwar il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs u l-appoġġ għall-proposti leġiżlattivi bħala pakkett ta' leġiżlazzjoni tant mistenni li jappoġġja l-kompetittività u r-reżiljenza tal-SMEs, is-sinsla tal-ekonomija Ewropea;

6. jiddispjaċih li l-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs ġie ppubblikat daqshekk tard fil-mandat politiku u li għalhekk indirizza tard l-effetti kkombinati tal-pandemija tal-Covid-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll il-konsegwenzi tagħhom – eż. il-kriżi tal-enerġija, il-kwistjonijiet tal-katina tal-provvista globali u l-inflazzjoni li qed tiżdied. Dan qed jirriżulta fi rkupru bil-mod u prestazzjoni aktar dgħajfa tal-SMEs Ewropej;

7. iqis ix-xejriet attwali bħala sinjal li s-soċjetà tinsab taħt theddida dejjem akbar ta' kriżijiet multipli. L-ekonomija għandha għalhekk tiġi adattata b'tali mod li ssir sostenibbli, robusta u reżiljenti. Irridu nħejju għal realtà ġdida b'sitwazzjonijiet ġeopolitiċi inċerti, pandemiji u temp estrem. Bl-istess mod, se jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali biex inreġġgħu lura t-tibdil fil-klima, peress li skont ir-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) tal-2023, l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra komplew jiżdiedu. Dawn l-isfidi se jbiddlu b'mod fundamentali l-kundizzjonijiet għall-ekonomija.

8. jaqbel li firxa wiesgħa ta' miżuri ta' politika u strumenti ta' finanzjament stabbiliti fil-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs għandhom jiġu implimentati fi sħubija mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex jiġu appoġġjati l-intraprenditorija u l-innovazzjoni lokali u jiġu sfruttati l-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun;

9. jitlob rikonoxximent sħiħ tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" bħala paradigma ġenwina valida matul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu tal-UE, u jesprimi tama qawwija li l-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-koleġiżlaturi jħaddnu u jimplimentaw bis-sħiħ dan il-prinċipju fil-ħidma tagħhom; itenni li l-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" m'għandux jikkomprommetti l-kunsiderazzjoni tas-sostenibbiltà, li huwa jqis li hija inkorporata fil-politiki kollha tal-UE;

10. jappoġġja l-ħatra tar-Rappreżentant tal-UE għall-SMEs li se jirrapporta direttament lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, u b'hekk jissaħħaħ ir-rwol tan-Network ta' Rappreżentanti tal-SMEs u tal-filtru tal-SMEs; jistieden, fl-istess ħin, lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-valur miżjud tar-rwol biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidma tad-DĠ GROW; jipproponi li jinħolqu sinerġiji aktar b'saħħithom bejn in-Network ta' Rappreżentanti tal-SMEs u l-atturi territorjali rilevanti;

11. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra qafas ġdid li jiddistingwi n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu minn SMEs oħra, u fl-istess ħin tirrikonoxxi r-rwol kruċjali ta' dan il-grupp ta' kumpaniji fil-kisba tat-tkabbir ekonomiku, li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' tkabbir b'emissjonijiet żero netti, kif ukoll il-valur miżjud tagħhom biex tiżdied l-awtonomija industrijali tal-UE.

Għajnuna regolatorja u d-diġitalizzazzjoni

12. jirrikonoxxi li l-piżijiet regolatorji u amministrattivi huma wħud mill-ostakli ewlenin irrapportati sistematikament mill-SMEs u mill-korpi tal-industrija ([1]), u jilqa' l-fatt li l-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs fil-bidċa l-kbira qed jirrispondi għal din il-prijorità, jenfasizza l-impenn tal-KtR biex ineħħi l-piżijiet u l-ostakli f'dimensjoni transfruntiera permezz tal-ħidma tal-Pjattaforma tar-REKT (Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali) tiegħu;

13. jammetti li l-ilħuq tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE f'kuntest globali dejjem aktar kumpless jirrikjedi qafas regolatorju semplifikat li jkun flessibbli, aġli, proporzjonat u jissodisfa l-objettivi maħsuba, li huwa ta' importanza kruċjali speċjalment għall-atturi ekonomiċi l-aktar vulnerabbli, bħall-mikrointrapriżi żgħar u l-impriżi tal-familja;

14. jinnota l-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura li t-testijiet tal-SMEs, il-filtri tal-SMEs u l-kontrolli tal-kompetittività jsiru n-norma fit-tfassil tal-politika tal-UE; jenfasizza li fir-rigward tat-Testijiet tal-SMEs, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li d-direttorati tagħha jkollhom biżżejjed riżorsi u jkollhom il-kapaċità organizzattiva biex iwettqu Testijiet tal-SMEs ta' kwalità għolja. L-applikazzjoni tat-Test tal-SMEs għandha tiġi applikata fit-tħejjija ta' kull abbozz tal-leġiżlazzjoni kollha, u ma għandhiex tkun limitata għall-fajls ekonomiċi. Hija għandha tqis ukoll l-impatt kumulattiv u l-effett kaskata tal-leġiżlazzjoni. It-test għandu jiġi aġġornat matul il-proċess leġiżlattiv kollu. Mekkaniżmi simili huma meħtieġa fil-livell tal-Istati Membri, li jirrikonoxxu r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE, mingħajr ma jżidu rekwiżiti ulterjuri għal-leġiżlazzjoni;

([1]) https://www.smeunited.eu/news/smes-require-rules-that-reach-objectives-not-add-red-tape.
https://www.eurochambres.eu/wp-content/uploads/2022/11/EES-2023-Euochambres-Economic-Survey-Report.pdf.
https://www.businesseurope.eu/policies/smes-and-entrepreneurship/reducing-regulatory-burdens-smes.

15. fir-rigward tat-Test tal-SMEs, jitlob lill-KE tiżgura li l-valutazzjonijiet tal-impatt jiddifferenzjaw bejn klassijiet ta' daqs differenti ta' SMEs (mikro, żgħar u medji) biex tkun tista' ssir valutazzjoni aktar granulari u mmirata tal-impatt ta' kull inizjattiva, b'involviment aktar inklużiv tal-partijiet ikkonċernati tal-SMEs;

16. jappella għat-tisħiħ tar-rwol tal-KtR fil-Pjattaforma Fit for Future abbażi tal-ħidma tan-network RegHub tiegħu, u għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn it-testijiet tal-SMEs u l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, peress li l-biċċa l-kbira tal-SMEs joperaw fis-swieq lokali;

17. jitlob li n-network RegHub tal-KtR jiġi assoċjat fl-eżerċizzju tat-tnaqqis tal-piżijiet tal-UE u jappella lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha biex iwettqu sforz simili ta' razzjonalizzazzjoni, fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom;

18. jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet tar-rappurtar li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE b'25 %; jissuġġerixxi li dan l-objettiv jista' jintlaħaq bl-aħjar mod jekk jiġi implimentat il-kunċett ta' sussidjarjetà attiva u fi sħubija mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tan-negozju u l-kmamar tal-kummerċ;

19. huwa konvint mill-potenzjal sinifikanti tad-diġitalizzazzjoni fit-tneħħija tal-ostakli u r-rapportar tal-piżijiet fuq l-SMEs; jipprovdi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-użu ta' Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali madwar l-UE u jemmen li l-Gateway Diġitali Unika u s-Sistema teknika l-ġdida ta' darba biss, jekk jiġu żviluppati u implimentati kif suppost, jistgħu joffru aktar opportunitajiet f'dan il-qasam; madankollu, jenfasizza l-importanza li l-SMEs isiru konxji ta' dawn l-għodod ġodda, u l-funzjonalitajiet li joffru, u jissuġġerixxi li dan jista' jsir l-aħjar fil-livell lokali u reġjonali;

20. jinnota li ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom eżempji tal-aħjar prattika ta' għajnuna regolatorja u rappurtar ta' miżuri ta' tnaqqis għall-SMEs li diġà ġew implimentati. Dan huwa bbażat fuq feedback mill-SMEs u mill-partijiet ikkonċernati lokali. Il-KtR, bħala r-rappreżentant tar-reġjuni u l-muniċipalitajiet fl-UE, għandu l-għarfien espert biex jiġbor dawn l-eżempji u jippromovi l-implimentazzjoni usa' tagħhom;

21. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li twettaq, flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, valutazzjonijiet "fuq il-post" tal-impatt fuq l-SMEs u l-kompetittività tal-emendi sostanzjali proposti għall-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni; jissuġġerixxi li r-relaturi rilevanti tal-KtR jistgħu jkunu involuti, peress li dawn jistgħu jagħtu kontribut siewi għall-proċess minħabba l-prossimità tagħhom għall-SMEs fil-livell lokali;

22. jisħaq li l-SMEs Ewropej jibbenefikaw minn rabtiet aktar b'saħħithom bejn id-diġitalizzazzjoni u l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar fis-settur pubbliku, billi jużaw il-ħidma reċenti tan-network RegHub dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-istrateġiji ta' interoperabbiltà tal-gvernijiet tal-UE, u billi jinvolvu lill-atturi lokali u reġjonali biex isibu soluzzjonijiet regolatorji innovattivi;

23. jenfasizza li r-reġjuni u l-bliet Ewropej huma miftuħa għal ideat ġodda u jistgħu joffru spazju territorjali biex jospitaw ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jittestjaw regoli u regolamentazzjonijiet aktar favorevoli għall-innovazzjoni f'ambjent ristrett u mbagħad biex jirrapportaw dwar l-aħjar prattiki; il-KtR diġà qed ifassal proġetti bħal dawn li jgħinu lill-SMEs tagħna biex "jibqgħu validi fil-futur", pereżempju fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali. Skont l-applikazzjoni, is-soluzzjonijiet tal-IA jippermettu lill-kumpaniji jħaffu l-proċessi jew jagħmlu l-flussi tax-xogħol aktar effiċjenti u għalhekk aktar kosteffettivi, iżda jistgħu jintużaw biex jagħmluha aktar faċli u orħos għan-negozji biex jikkuntattjaw lill-awtoritajiet u jikkonformaw mar-regoli legali u amministrattivi. Ideat bħal dawn għandhom jiġu introdotti fuq skala akbar fil-bliet u r-reġjuni tal-UE;

24. jinnota li t-trasformazzjoni diġitali fis-settur tal-SMEs u b'appoġġ għalih tirrikjedi sistemi tal-IT li huma aġġornati, jipprovdu fiduċja lis-settur u li għandhom l-ogħla livelli ta' ċibersigurtà;

25. jemmen li l-isforzi ta' semplifikazzjoni biex jitnaqqsu r-regoli u biex tiġi promossa d-diġitalizzazzjoni għandhom jagħmlu użu mill-Gateway Diġitali Unika tal-UE;

Investimenti u aċċess għall-fondi

26. josserva li l-biċċa l-kbira tal-SMEs Ewropej qed jinvestu fit-tranżizzjoni sostenibbli tagħhom, għalkemm ġeneralment qed isibuha diffiċli biex jaċċessaw il-finanzjament għal dan u b'rekwiżiti ta' rappurtar relatati;

27. jissuġġerixxi li, meta jitqies ir-rwol sinifikanti tal-finanzjament bankarju, kif ukoll il-limitazzjonijiet tas-sussidji eżistenti u r-rilevanza baxxa tas-swieq kapitali għall-SMEs, il-kapaċità tal-banek li jissodisfaw finanzjament sostenibbli u finanzjament ieħor meħtieġ għas-suċċess tal-SMEs għandha tiżdied b'mod sostanzjali permezz ta' inċentivi u regolamentazzjoni semplifikata, filwaqt li jitqies l-objettiv fit-tul li tinkiseb l-awtosostenibbiltà finanzjarja tal-kumpaniji;

28. jemmen f'ekosistemi reġjonali b'saħħithom li jkunu konnessi sew fuq livell Ewropew permezz ta' skambju ta' għarfien internazzjonali bejn l-SMEs u bejn il-gvernijiet reġjonali, b'mod partikolari permezz ta' investimenti reġjonali fl-innovazzjoni.

29. jappoġġja l-għodod il-ġodda żviluppati bħala parti mill-Aġenda l-Ġdida ta' Innovazzjoni tal-UE, eż. il-ħolqien ta' Widien tal-Innovazzjoni Reġjonali, filwaqt li jistieden b'mod partikolari lir-Reġjuni Intraprenditorjali Ewropej (EER) biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' finanzjament u kollaborazzjoni marbuta miegħu;

30. jappella għal sinerġiji aktar mill-qrib bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), InvestEU, il-programm Ewropa Diġitali u l-programmi Orizzont, speċjalment biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-SMEs, l-universitajiet, iċ-ċentri tat-teknoloġija, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u organizzazzjonijiet oħra tar-riċerka u l-innovazzjoni;

31. jirrimarka li l-appoġġ għall-SMEs fil-Politika ta' Koeżjoni jibqa' essenzjali, speċjalment fil-kuntest attwali tar-restrizzjonijiet tal-provvista, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-inflazzjoni. Aktar minn EUR 23 biljun ta' fondi tal-politika ta' koeżjoni għandhom jintefqu biex jgħinu lill-SMEs jikbru u jtejbu l-kompetittività tagħhom, għalhekk huwa tal-akbar importanza li l-programmi operattivi fir-reġjuni tal-UE jiġu introdotti malajr kemm jista' jkun u jiġu evitati trasferimenti ta' finanzjament mhux meħtieġa lejn programmi oħra tal-UE;

32. filwaqt li jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-kompetittività Ewropea, inkluż permezz tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) li tfittex li tissemplifika l-investimenti f'teknoloġiji strateġiċi vitali għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, il-Kumitat itenni l-pożizzjoni negattiva tiegħu, espressa fl-Opinjoni reċenti tal-KtR dwar ir-reviżjoni tal-QFP 2021-2027, lejn it-trasferiment tal-finanzjament ta' koeżjoni lejn kumpaniji kbar f'reġjuni "fi tranżizzjoni", kif ukoll lejn ir-reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri bi PDG per capita taħt il-medja tal-UE, kif previst fil-proposta STEP;

33. jenfasizza r-rwol promettenti tal-fondi ta' kapital ta' riskju u tal-finanzjament kollettiv fit-tisħiħ tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament; jappella sabiex jiġu rikonoxxuti u appoġġjati aktar bħala għodod effettivi biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u lill-kompetittività fl-Ewropa;

34. jemmen li huwa tajjeb li jiġu kkombinati tipi differenti ta' appoġġ tal-UE biex jissaħħu l-oqsma ewlenin fi ħdan STEP. Madankollu, ma jaqbilx ma' żieda tal-kofinanzjament għal 100 % għall-prijoritajiet STEP. Jekk ma jkun hemm l-ebda rekwiżit għal kofinanzjament proprju, hemm ir-riskju li tintilef il-vijabbiltà fit-tul tal-proġetti;

35. jieħu nota tal-proposta leġiżlattiva tant mistennija għall-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard, li hija konformi mal-Opinjoni tal-KtR tal-2020 dwar l-Istrateġija għall-SMEs; jirrikonoxxi r-raġunament wara l-impożizzjoni ta' regoli ta' pagamenti stretti u uniformi għan-negozji kollha madwar l-UE, madankollu jqis li d-dispożizzjonijiet proposti ma jiddistingwux bejn pagamenti tard u termini twal ta' ħlas;

36. iqis li dan se jfixkel il-libertà tal-kuntratti tal-SMEs, b'mod partikolari, billi jipprovdi perjodu massimu ta' pagament uniku ta' 30 jum fir-relazzjonijiet bejn in-negozji, jimmina l-libertà tagħhom, bħala intrapriżi ekonomiċi privati, li jaqblu dwar termini ta' ħlas differenti, filwaqt li jitqiesu wkoll il-livelli differenti ta' esponiment għall-kreditu u s-settur finanzjarju bejn intrapriżi kbar u żgħar/ta' daqs medju;

37. jinnota wkoll it-tħassib f'xi setturi u ċerti tipi ta' SMEs li jqisu li dan jista' jkollu impatt negattiv b'mod partikolari fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut li huwa dominanti f'żoni aktar rurali; jissuġġerixxi li fil-bidu dan għandu jiġi implimentat fuq bażi progressiva;

38. jissuġġerixxi li l-ġbir ta' data kwantitattiva u l-monitoraġġ tal-imġiba tal-pagamenti mill-Osservatorju tal-Pagamenti tal-UE se jkunu utli biex jinfurmaw il-politiki futuri;

39. jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi tal-livelli kollha fl-Istati Membri tal-UE biex imexxu bl-eżempju fil-promozzjoni ta' kultura ta' pagamenti f'waqthom fil-kuntratti pubbliċi, u l-prattiki ta' pagament f'livelli differenti tal-amministrazzjonijiet pubbliċi b'mod adegwat. Dan jinkludi l-iżgurar, sa fejn ikun possibbli, li t-termini ta' pagament għal proġetti aktar kumplessi mwettqa mill-kuntratturi pubbliċi u s-sottokuntratturi tagħhom, bħal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, trasport, servizzi tal-IT eċċ., jiġu eżegwiti fil-ħin, waqt li jiġi rikonoxxut li xi kultant dan se jkun barra mill-kontroll tal-entità kontraenti.

Ħiliet għal tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

40. jirreferi għal stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru ([2]), li fih l-SMEs identifikaw in-nuqqas ta' impjegati tas-sengħa u l-konsegwenzi ta' dan bħala l-akbar problema. Ta' spiss ma jkollhomx l-istess riżorsi bħal dawk tal-kumpaniji l-kbar biex jikkompetu għal u jinvestu fit-taħriġ tal-impjegati tagħhom. Għal din ir-raġuni, b'mod partikolari fil-qafas tas-Sena tal-Ħiliet 2023, l-akbar attenzjoni trid tingħata lit-taħriġ tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-impjegati fl-SMEs, biex jiġi attirat it-talent u biex jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki;

41. jirrikonoxxi li f'din is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, l-SMEs jiddependu fuq firxa varjata ta' ħiliet u talent biex irawmu spirtu intraprenditorjali biex jixprunaw l-innovazzjoni, il-kompetittività u t-tkabbir. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jappoġġjaw lir-reġjuni, b'mod partikolari r-reġjuni remoti u rurali, biex joħolqu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali adatti biex iħajru liż-żgħażagħ jibqgħu fiż-żona lokali tagħhom;

42. jenfasizza li l-ħiliet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-industrija Ewropea jinġiebu l-aħjar għall-SMEs permezz ta' sħubijiet reġjonali, networks, raggruppamenti; jinnota l-kontribut importanti tas-sħubijiet taħt il-Patt għall-Ħiliet, li juri ħafna azzjonijiet ta' suċċess għall-iżvilupp tal-ħiliet territorjali;

43. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ħolqien ta' Widien b'Emissjonijiet Żero Netti u alleanzi industrijali previsti;

44. jilqa', f'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' Riżerva ta' Talent tal-UE u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu sħubija interistituzzjonali mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u mal-KtR biex jiżguraw li l-persuni bil-ħiliet it-tajba jkunu jistgħu jitqabblu mal-impjiegi t-tajbin;

45. jitlob rikonoxximent aktar rapidu u effiċjenti tal-kwalifiki professjonali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż permezz ta' sħubijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi, biex jittejbu r-reklutaġġ u t-tlaqqigħ tal-impjiegi;

46. jitlob appoġġ rapidu u mmirat fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-SMEs f'setturi li qed jiffaċċjaw l-aktar nuqqas urġenti ta' ħaddiema bħall-ospitalità u l-bejgħ bl-imnut għal taħriġ komprensiv ta' ħaddiema migranti u refuġjati, li jinkludi programmi ta' sensibilizzazzjoni lingwistika u kulturali;

47. jinnota l-importanza li jiġu appoġġjati inizjattivi ta' taħriġ vokazzjonali li jappoġġjaw ħiliet ġodda u jirrikonoxxu r-rwol li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-bini ta' sħubijiet fil-livell lokali permezz ta' relazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet tan-negozju u jinnota li ħafna reġjuni joperaw inizjattivi ta' suċċess f'dan ir-rigward;

48. iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu l-importanza ġenerali tal-mentoraġġ bħala parti kruċjali tal-kobba biex jingħalaq id-distakk bejn il-formazzjoni u l-impjieg, jissaħħu l-ħiliet tan-nies, il-fiduċja fihom infushom u l-motivazzjoni, anke, jekk mhux b'mod partikolari fil-kuntest tal-SMEs;

Tassazzjoni

49. iqis li l-BEFIT huwa proposta kumplessa u dettaljata b'implikazzjonijiet sinifikanti għall-gvernijiet u n-negozji. Jenfasizza li l-prijorità attwali fl-UE hija l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali (id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru). Jirrikonoxxi li l-Gvernijiet u partijiet ikkonċernati oħra se jkollhom bżonn iż-żmien biex jivvalutaw l-impatt tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru, u li l-interazzjonijiet potenzjali bejn id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru u l-proposta tal-BEFIT jeħtieġu kunsiderazzjoni u analiżi bir-reqqa;

([2]) Stħarriġ tal-Ewrobarometru: SMEs and skills shortages (SMEs u nuqqas ta' ħiliet), Novembru 2023: https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2961 (mhux disponibbli bil-Malti).

50. jenfasizza li jekk id-Direttiva dwar l-ipprezzar tat-trasferiment għandha tilħaq l-għan tagħha li tnaqqas it-tilwim dwar l-ipprezzar tat-trasferiment u l-ispejjeż ta' konformità tan-negozji, jeħtieġ li tiżgura li topera b'mod li jkun konformi mal-prinċipju ta' distakkament u ma toħloqx ir-riskju ta' diverġenza u żieda fit-tilwim ma' pajjiżi terzi;

51. iqis li l-fattur ta' suċċess tal-inizjattiva tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali se jkun il-kapaċità tagħha li tattira n-negozju biex jagħżel li jidħol fl-iskema; biex dan iseħħ, l-iskema jeħtieġ li tipprovdi semplifikazzjoni ġenwina u tnaqqis tal-kostijiet tal-konformità mat-taxxa;

52. jemmen li, b'mod partikolari l-SMEs iżgħar li joperaw fis-swieq domestiċi tagħhom jista' jkollhom ħafna x'jiggwadanjaw fir-regoli l-ġodda tat-tassazzjoni stabbiliti fil-Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi sistema ta' Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali, li jistgħu jħeġġuhom jikbru u jespandu fi ħdan is-Suq Uniku tal-UE mingħajr ma jiġu mxekkla minn piżijiet ta' konformità fiskali bla bżonn. Jenfasizza li l-benefiċċji potenzjali għall-SMEs jeħtieġ li jkunu proporzjonati mal-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-implimentazzjoni għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-UE.

Brussell, il-31 ta' Jannar 2024.

Vasco ALVES CORDEIRO

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni